

Brussell, 3 ta' Novembru 2022  
(OR. en)

12786/22

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0248 (NLE)

---

---

PECHE 351

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett:               REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet ta' sajd skont il-Protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (2022-2026)

---

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2022/...**

**ta' ...**

**dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet ta' sajd  
skont il-Protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd  
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (2022-2026)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius<sup>1</sup> (il-"Ftehim") ġie konkluż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/146/UE<sup>2</sup> u daħal fis-seħħ fit-28 ta' Jannar 2014.
- (2) L-ewwel protokoll<sup>3</sup> tal-Ftehim stabbilixxa, għal perjodu ta' tliet snin, l-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' Mauritius u l-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija mill-Unjoni. Il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dak il-protokoll skada fis-27 ta' Jannar 2017.
- (3) It-tieni protokoll<sup>4</sup> tal-Ftehim stabbilixxa, għal perjodu ta' erba' snin, l-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' Mauritius u l-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija mill-Unjoni. Il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dak il-protokoll skada fis-7 ta' Diċembru 2021.

---

<sup>1</sup> ĠU L 79, 18.3.2014, p. 3.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/146/UE tat-28 ta' Jannar 2014 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (ĠU L 79, 18.3.2014, p. 2).

<sup>3</sup> Il-Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (ĠU L 79, 18.3.2014, p. 9).

<sup>4</sup> Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (ĠU L 279, 28.10.2017, p. 3.).

- (4) Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni u l-Mauritius<sup>1</sup> estenda l-applikazzjoni tat-tieni protokoll tal-Ftehim sal-4 ta' Ottubru 2022.
- (5) Fit-28 ta' Settembru 2021, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' Mauritius għall-konklużjoni ta' protokoll ġdid li jimplimenta l-Ftehim.
- (6) B'riżultat ta' dawk in-negozjati, fis-7 ta' Mejju 2022 ġie inizjalat protokoll ġdid għal perjodu ta' erba' snin ( il-“Protokoll”).
- (7) Fil-[...]<sup>+</sup>, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2022/....<sup>2++</sup> rigward l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll, dment li tiġi konkluża f'data iktar tard.
- (8) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd previsti fil-Protokoll jiġu allokatu fost l-Istati Membri għall-perjodu kollu tal-applikazzjoni tiegħu.

---

<sup>1</sup> Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (ĠU L 115, 13.4.2022, p. 45).

<sup>+</sup> Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni f'ST 12752/22.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/... ta' ... 2022 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (2022-2026) , (ĠU L ..., ..., p. ...).

<sup>++</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-deċiżjoni f'ST 12752/22 u u kkompleta n-nota fqiegħ il-paġna korrispondenti.

- (9) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi implimentat malajr kemm jista' jkun minħabba l-importanza ekonomika tal-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd ta' Mauritius u l-ħtieġa li jitnaqqas il-perjodu ta' żmien relatat mal-interruzzjoni ta' dawn l-attivitajiet.
- (10) Il-Protokoll ser japplika fuq bażi proviżorja mid-data tal-iffirmar tiegħu sabiex jippermetti l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-istess data,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## *Artikolu 1*

L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti skont il-Protokoll li jimplementa l-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Mauritius (2022-2026) għandhom jiġu allokatu fost l-Istati Membri kif ġej:

(1) 40 bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża:

- Spanja: 22 bastiment
- Franza: 16-il bastiment
- L-Italja: 2 bastimenti;

(2) 45 bastiment li jistadu bil-konz tal-wiċċ:

- Spanja: 12-il bastiment
- Franza: 29 bastiment
- Il-Portugall: 4 bastimenti.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn ...<sup>+</sup>.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni f' ST 12752/22.